# L-Ewwel Dokument għall-Konsultazzjoni Pubblika dwar ir-Riforma Ħolistika fil-Qasam tal-Ġustizzja

**Kummenti tal-Ġudikatura dwar il-ħsibijiet u proposti enunċjati**

**Awissu 2013**

**Werrej**

| | |
|---|---|
| **L-Ewwel Taqsima:** | **Introduzzjoni** |
| **It-Tieni Taqsima:** | **Kummenti Generali** |
| **It-Tielet Taqsima:** | **Kummenti dwar ir-rakkomandazzjonijiet Istituzzjonali** |
| **Ir-Raba Taqsima:** | **Kummenti dwar ir-rakkomandazzjonijiet Amministrattivi** |

**Annessi:**

| | |
|---|---|
| **Anness 1:-** | **Sofia Declaration 'On judicial independence and accountability' issued by the European Netrowk of Councils for the Judiciary** |
| **Anness 2:-** | **Documentazzioni mghoddija lill-Kummissjoni** |
| | **a.** |

# L-Ewwel Taqsima

## Introduzzjoni

Wara il-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport tal-Kummissjoni, il-Ġudikatura ħasset il-ħtiega illi tgħaddi il-kummenti kif ukoll proposti tagħha dwar il-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni.

Il-Ġudikatura tixtieq tinnota li, filwaqt li ma taqbilx mal-mod kif mxiet il-Kummissjoni biex waslet għall-konklużjonijiet tagħha kif ukoll mal-mod kif mexxiet il-konsultazzjonijiet kemm qabel kif ukoll wara il-pubblikazzjoni tar-rapport, hija kienet ilha snin twal tisħaq illi kien hemm il-ħtieġa illi jsiru riformi fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-Ġustizzja bil-għan illi dina tittejjeb għall-benefiċċju ta' min jużaha. Waqt li fil-kors tal-aħħar snin saru diversi riformi dawn irriżultaw mhux suffiċjenti u għalhekk huwa f'dana l-ispirtu illi hija ser tgħaddi l-kummenti tagħha.

Madanakollu, tenut kont tal-fatt illi l-proposti kollha mressqa mill-Kummissjoni huma biss suġġerimenti f'dana l-istadju, hija tisħaq li fl-implimentazzjoni tagħhom, il-Ġudikatura, flimkien ma 'stake holders' oħra fil-kamp tal-Ġustizzja, għandha tiġi kkonsultata u involuta direttament, sa fejn possibbli, u għalhekk, filwaqt illi l-Ġudikatura ser tikkummenta dwar il-proposti magħmulha u tagħmel il-kummenti tagħha, tali kummenti qed isiru 'in prinċipju' u hija tirriserva il-ġudizzju tagħha dwar tali proposti u li tikkumenta aktar fid-dettal meta tali proposti jiġu abbozzati fi proposti legislattivi sabiex dawna jiġu implimentati mill-Eżekuttiv. Għalhekk, kull fejn fil-kummenti tagħha jingħad li "hemm qbil", dan għandu jiftiehem fid-dawl ta' dak li għadu kemm ingħad.

## It-Tieni Taqsima

**KUMMENTI ĠENERALI**

Ir-rapport jindirizza bosta aspetti tal-qasam tal-Ġustizzja - l-ewwel ħames rakkommandazzjonijiet jolqtu direttament lill-Ġudikatura bħala Istituzzjoni, filwaqt li l-oħrajn huma ta' karattru amministrattiv.

Il-membri tal-gudikatura, wara l-pubblikazzjoni tar-rapport, gew mistiedna biex jaghtu il-fehmiet taghhom dwar is-suggerimenti imressqa b'dan l-ewwel dokument. S'intendi, ġudikant għandu mhux biss id-dritt, imma d-dmir li jagħti l-fehmiet tiegħu dwar dawk il-proposti li jistgħu jimminaw l-indipendenza u l-integrita' tal-Ġudikatura. Dawn il-principji huma l-akbar garanzija li toffri d-demokrazija ghall-protezzjoni ta' kull cittadin minn indhil mill-Istat u ghall-assikurazzjoni ta' gustizzja imparzjali. L-amministrazzjoni tal-gustizzja f'pajjiz hieles u demokratiku titlob li l-gudikant ghandu ikun indipendenti meta jiggudika, anke meta l-kaz ipoggi lic-cittadin kontra s-sahha tal-Istat, u ma jkunx ikkondizzjonat b'biza jew b'theddid jew ta' tnehhija jew ta' mizuri dixxiplinarji ingusti.

Ir-rapport jirrikonoxxi li l-Gudikatura hija wiehed mit-tlett organi ta' l-Istat, u wiehed mit-tlett pilastri li jistrieh fuqu l-Istat Malti. Izda mkien ma nsibu referenza ghall-principju fondamentali ta' l-indipendenza tal-Ġudikatura. Dan huwa nuqqas serju li huwa rifless f'xi proposti li saru, liema proposti huma inaccettabbli

Ghalhekk jenhtieg li isir gharbiel serju fil-livell istituzzjonali tal-principji l-iktar bażici li jispiraw il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Gudikatura qed issemma' il-vuci taghha kollettivament kif inhu d-dmir taghha skont il-Kostituzzjoni.

Jekk wiehed jaghti harsa lejn it-Termini ta' Referenza tal-Kummissjoni ghar-Riforma Holistika, wiehed isib li dawn jinkludu:-

a) Li taghmel ezami tas-sistema tal-amministrazzjoni tal-gustizzja bil-ghan li jdahhlu *checks and balances* u kontabbilita', mill-hatra sal-operat tal-Gudikatura;

b) Li tipproponi kif ghandha tissahhah il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Madanakollu, ma nsibu ebda suggeriment immirat lejn it-tishih tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, li hija Kummissjoni gja imwaqqfa mill-Kostituzzjoni. Anzi, l-proposti li qieghdin isiru jimminaw il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dan billi svestew lill-Kummissjoni minn kull funzjoni fdata lilha mill-Kostituzzjoni taghna, u hallewha minghajr skop, funzjoni u sahha. Tant hu hekk li hemm enfasi fir-rapport li l-Kummissjoni m'ghandhiex tkun sahansitra involuta fil-qadi tal-funzjonijiet kostituzzjonali taghha. Effettivament, minflok tisħiħ tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, il-proposti li qiegħdin isiru jimmiraw għall-abolizzjoni tal-Kummissjoni preżenti --- mod stramb kif issaħħaha --- u għas-sostituzzjoni tagħha b'Kummissjoni oħra ndebolita.

Ir-rapport jiddiskuti wkoll fid-dettal proceduri ghat-tnehhija ta' Imhallef jew Magistrat meta dawna imkien ma jidħlu fit-termini ta' referenza tal-Kummissjoni.

Ghalhekk jidher car illi l-Kummissjoni appuntata mill-Gvern marret ferm 'il bogħod mill-mansjonijiet tagħha, għal raġunijiet illi l-Kummissjoni biss taf. Madanakollu, il-Gudikatura ma tiddejjaqx li b'wiċċha minn quddiem tirrinfaċċja l-proposti li qiegħdin isiru mill-Kummissjoni anki f'dan ir-rigward għalkemm l-istess proposti jistgħu jitqiesu li ma jiswewx għaliex mhux konformi mat-termini ta' riferenza tagħhom. Dan qiegħdha tagħmlu għaliex temmen li l-proċess ġudizzjarju għandu jissaħħaħ fl-ahjar interess tac-cittadin. Dawk il-miżuri suġġeriti mill-Kummissjoni u li jservu sabiex kemm il-Gudikatura kif ukoll il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja jiġu effettivament, anki jekk sottilment, assoġġettati għall-volonta' tal-Esekuttiv ma jistghux hlief isahhu t-twemmin tal-Gudikatura fil-ħtieġa essenzjali li kull ċittadin ikun dejjem attent biex iħares il-privileġġ u dritt li hu tiegħu għal Ġudikatura li tkun dejjem indipendenti u imparzjali.

Hija l-fehma tal-Gudikatura li l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghandha tissahhah u tkompli taqdi l-funzjonijiet kostituzzjonali taghha. Ma hemmx bzonn ta' proliferazzjoni ta' kumitati jew kummissjonijiet ohra biex jaqdu l-istess funzjonijiet li gja huma fdati, forsi b'mod imperfett, lill-Kummissjoni ghall-Amministazzjoni tal-Gustizzja. Dan ikun eżercizzju superfluwu, imprattikabbli u kostuz. Fl-aghar ipotesi l-komposizzjoni tad-diversi kumitati suggeriti tohloq paraventu ghall-Ezekuttiv li b'hekk ikun qed jindahal fil-

gustizzja amministrata mill-gudikant, u jiddahhlu diskrezzjonijiet godda minghajr l-icken garanzija ghac-cittadin li ser issir gustizzja mieghu. Bil-bordijiet proposti qed isir attakk frontali dirett fuq l-indipendenza tal-Gudikatura a skapitu tac-cittadin, u dina ma hijiex accettabbli.

Il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja hija imwaqqfa mill-Kostituzzjoni,[1] u hija munita bil-garanziji kollha necessarji sabiex jigi sgurat l-indipendenza tal-membri taghha fil-qadi tad-dmirijiet taghhom. Il-funzjonijiet taghha jinkludu li taghti pariri fuq il-hatra ta' Gudikanti (attwalment dan il-parir jinghata biss meta jintalab mill-Prim'Ministru); li tifformula kodici jew kodicijiet ta' etika li jirregolaw l-imgieba tal-membri tal-Gudikatura; li tiġbed l-attenzjoni ta' kull Imħallef jew Maġistrat fuq kull ħaġa, fil-qorti li fiha hu jkun ipoġġi, li ma tkunx konduċenti għal funzjonament effiċjenti u xieraq ta' dik il-Qorti, u li tiġbed l-attenzjoni ta' kull imħallef jew maġistrat għal xi aġir li jista' jolqot il-fiduċja li għandu minħabba l-kariga tiegħu, jew għal xi nuqqas minn naħa tiegħu li jimxi skont xi kodiċi jew kodiċijiet ta' etika li jkun japplika għaliha.

B'hekk gja ghandna *blueprint,* imfassal fil-Kostituzzjoni taghna stess, li tindirizza l-hatra u d-dixxiplina tal-gudikanti. Ma hemmx bzonn li wiehed ihott knisja biex jibni ohra u l-Gudikatura hija tal-fehma li ghandna nimmiraw lejn it-tishih tal-Kummissjoni, kif anki t-termini ta' riferenza tal-Kummissjoni li ħejjiet ir-rapport jiddettaw, u nibnu fuq sisien li huma gja lesti.

F'dak li jirrigwarda l-hatriet ta' membri tal-gudikatura, din il-funzjoni presentement tiskatta biss fuq stedina tal-Prim' Ministru. Ghalhekk hemm lok li l-hatriet jigu ezaminati l-ewwel mill-Kummissjoni minghajr il-htiega ta' stedina.

Il-Kummissjoni, tramite il-membri taghha li huma Gudikanti, f'kumitat appositu tal-istess Kummissjoni, ghandha tigi affidata b'poteri li tkompli tezercita d-dixxiplina fuq l-gudikatura, direttament jew permezz tal-Ufficju tal-Prim Imhallef, skont in-natura tal-infrazzjoni mistħarrġa. Jekk wiehed iqabbel is-sitwazzjoni tal-Gudikanti ma' dik tal-Avukatura u tal-Prokuraturi Legali isib li l-Kummissjoni gja ghandha l-awtorita' li teżerċita id-dixxiplina fuq avukati u prokuraturi legali fit-twettiq tal-professjoni tagħhom. Dan taghmlu permezz ta' kumitat tal-Avukati li jissorvelja l-Avukati, u ta' kumitat tal-Prokuraturi Legali li jissorvelja il-Prokuraturi Legali, u permezz ta' smigh ta' appell mid-decizjonijiet taghhom. Fir-rigward

[1] Artikolu 101A tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

tal-gudikanti l-funzjoni dixxiplinarja tal-Kummissjoni ġiet mfassla differentement u dan minħabba l-ħeġġa fiż-żmien li saret il-liġi, sabiex tiġi mħarsa skrupolożament l-imparzjalita' u l-indipendeża tal-Ġudikatura kif intiża dak iż-żmien fit-termini tal-Kostituzzjoni. L-unika sanzjoni li l-Parlament Malti deherlu li setgħet tiġi imposta fuq ġudikant għal xi infrazzjoni hija dik li l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja "*tiġbed l-attenzjoni tal-ġudikant*" għan-nuqqas tiegħu. Il-Ġudikatura taqbel li wasal iż-żmien sabiex ir-rwol dixxiplinarju tal-Kummmissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja jiġi msaħħah għaliex kif dan hu mfassal llum irriżulta li ma hux suffiċjentement robust u effettiv. Il-Ġudikatura temmen li dan it-tisħih tal-funżjoni dixxiplinarja tal-istess Kummissjoni hu possibbli billi jiġu previsti sanzjonijiet aktar effettivi mingħajr ma minimament tiġi mminata l-imparzjalita' u l-indipendenza tal-Ġudikatura kif itendu li jagħmlu l-miżuri proposti fir-rapport hawn taħt kunsiderazzjoni.

Il-Kummissjoni ghandha wkoll funzjoni importanti fil-process ghat-tnehhija ta' ġudikant. Ghandha is-setgha li tagħmel investigazzjonijiet preliminari fuq kull Imħallef jew Maġistrat in konnessjoni ma' mozzjoni ghat-tnehhija tieghu li tkun giet imressqa fil-Parlament. Il-proceduri isiru bil-maghluq u jekk ir-rapport tal-Kummissjoni jkun sab *prima facie* li l-imġieba ħażina jew l-inkapaċità tkun pruvata, il-mozzjoni ghat-tnehhija flimkien mar-rapport tal-Kummissjoni, tissokta u tiġi kkunsidrata mill-Kamra tad-Deputati.[2]

Ic-cavetta ghandha tkun li min jinghazel ghandu jaqdi d-doveri tieghu b'reqqa, b'gustizzja u b'sobrieta' u jinghata l-mezzi biex jahdem. Huwa importanti ferm illi kwalsiasi bidla fil-qasam tal-Gustizzja ghandha ssir bir-reqqa u bis-serjeta u minghajr ghaġġla żejda peress illi, kif jghid il-qawl Malti, "Qattusa ferfuxija friegh ghomja taghmel". Il-Gudikatura hi tal-fehma li tali qawl jghodd ghal mod kif din il-Kummissjoni waslet ghall-konkluzjonijiet taghha, għalkemm temmen fl-istess ħin li huwa essenzjali li l-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja tigi riformata biex tassigura li l-gudikant jerfa' tassew ir-responsabbilitajiet shah tieghu skont il-Kostituzzjoni u l-etika.

[2] Ara Kap 369 tal-Ligijiet ta' Malta - Art 8, 9 u 10.

# It-Tielet Taqsima

## KUMMENTI DWAR IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET ISTITUZZJONALI[3]

### L-Ewwel rakkomandazzjoni - il-Ħatra tal-Ġudikanti (3.1)

(a) **L-Ewwel Mizura:** Dwar il-fatt li jinzammu n-numru ta' snin bhala avukat biex wiehed jilhaq Magistrat jew Imhallef hemm qbil

(b) **It-Tieni Mizura**: **Kriterji Kwalitattivi** - Il-kriterji elenkati huma ovvji u qatt ma kien hemm il-htiega li jigu elenkati jekk mhux biex idahhlu dubju fuq il-kriterji adoperati sa issa fil-mod kif il-membri tal-gudikatura presenti gew mahtura. L-integrita', rettezza, onesta', gharfien tal-Ligi u l-ezercitar tal-professjoni huma kwalitajiet *sine qua non* ghall-gudikant. Ma hemm ebda dubbju li wiehed jista' isib kwalitajiet ohra x'jelenka, fosthom bzulija u s-sens komun, izda hemm bzonn li jigu elenkati? Id-divjet li jkopri l-ezercitar ta' attivita' kummercjali u negozju huma gja imnizzlin fil-Kodici ta' Etika kif ukoll fl-artikolu 16 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

(c) **It-Tielet Mizura:** Filwaqt illi wiehed jifhem li gharfien tal-proceduri gudizzjarji bil-prattika forensika certament tghin sabiex gudikant jopera sew fil-qasam tieghu, haga li certament dejjem giet konsiderata fl-ghazla ta' Gudikant sa issa, ma hemmx qbil ma' din il-miżura kif hawn proposta. Din il-miżura ma hix tipproponi li ġudikant ikun jista' jsir biss minn fost avukati li jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fil-qorti u ma' dan hemm qbil. Iżda qiegħda tipproponi li fil-Kostituzzjoni stess espressament tingħata "preferenza" lil tali avukati. Dak li hu agħar huma r-raġunijiet li tagħti l-Kummissjoni għal din il-miżura. Tagħti x'jifhem li min jeżerċita l-professjoni fil-qorti jipproduċi ġudikant tajjeb waqt li min ma jeżerċitax il-professjoni fil-qorti jirriżulta f'ġudikant medjokri. Dan ifisser li l-Kostituzzjoni stess tkun *a priori* qed tikkundanna bħala ġudikant medjokri avukat li ma jkunx eżerċita l-professjoni fil-qorti u li jintgħażel bħala ġudikant. B'hekk tinħoloq klassifikazzjoni arbitrarja bejn ġudikanti tal-ewwel klassi u oħrajn tat-tieni klassi. L-gharfien tal-prattici forensici hija

[3] Sabiex jidher car dwar liema rakkomandazzjonijiet qed isiru l-kummenti u proposti, ser tinzamm l-istess format tar-rakkomandazzjonijiet illi jinstabu fit-Tielet Taqsima tar-rapport intitolat "Gabra ta' Rakkomandazzjonijet" a pagna 48 et seq.

biss wahda mid-diversi elementi li jikkaratterizzaw gudikant tajjeb u l-introduzzjoni ta' tali mizura fil-Kostituzzjoni hija kemm diskriminatorja kif ukoll dannuza għaliex ittendi li tillimita l-ghazla u teskludi elementi validissimi fil-kamp legali li jistghu jikkontribwixxu posittivament lejn l-interpretazzjonijiet tal-ligijiet, aktar u aktar fil-present meta l-legislazzjoni qieghda tkun aktar vasta u specjalizzata.

(d) **Ir-Raba' Mizura :** Ghar-ragunijiet fuq spjegati, assolutament ma hemmx qbil mas-suggeriment ta' hatra ta' Kummissjoni gdida nominata mill-President ta' Malta, ghar-raguni li skont il-Kostituzzjoni, gja twaqqfet Kummissjoni ghal dan l-iskop. Filwaqt li l-Ġudikatura ma ssibx oġġezzjoni li l-ghazla finali tal-gudikanti ghandha tibqa' f'idejn l-Ezekuttiv, għaliex l-Eżekuttiv għandu jkun obbligat jassumi r-responsabilitajiet tiegħu, din l-ghazla ghandha issir fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja meta jinholoq *vacancy* minghajr il-htiega ta' stedina mill-Ezekuttiv. Il-Kummissjoni kif komposta, zgur ghandha l-esperjenza biex tidentifika min hu eligibbli. Gjaladarba l-gharfien u prattika legali huma kwalitajiet *sine qua non*, l-gharbiel ukoll ghandu isir minn persuni li jifhmu l-htigijiet tal-prattika legali fil-Qrati taghna, rifless fil-komposizzjoni attwali tal-Kummissjoni ghall Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Wiehed jista wkoll jikkontempla l-possibbilta' li l-Ezekuttiv jinghata l-possibilta' illi jirreferi d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Amminstrazzjoni tal-Gustizzja lura ghal rikonsiderazzjoni ghal darba wahda biss fl-eventwalita illi r-rakomandazzjoni inizzjali tal-Kummissjoni tkun wahda negattiva.

Dwar il-proposta ta' sejha pubblika ghal applikazzjoni, ezamijiet u "interviews" assolutament ma' hemmx qbil mas-suggerimenti kif proposti. F'Malta, pajjiz zghir, ma hemmx lok ta' ezamijiet u applikazzjonijiet formali, ghalhiex in-nies huma maghrufa, specjalment fl-ambjent maghluq u ristrett bhal ma huma l-Qrati. Kullhadd jaqbel li ghandhom jigu attirati l-ahjar imhuh lejn il-Bank tal-Gudikatura izda avukat prattikanti mhuwiex ser ikun imhajjar jekk ser jesponi ruhu ghall-umiljazzjoni li jkun rigettat wara applikazzjoni formali u pubblika. Ghandha issir intervista, mhux fil pubbliku, tal-kandidat li jkun nominat. L-isem jigi res pubbliku jekk jigi/tigi maghzul/a. Dan kollu japplika b'maggor effett fuq dak il-gudikant li ma jintghazilx ghall "*promozzjoni*" jekk l-gharbiel ikun fil-pubbliku. Wiehed jista' biss jimmagina l-umiljazzjoni pubblika li jhoss dak il-gudikant jekk "*ma jghaddix mill-ezami*"! Dan apparti li dak il-ġudikant jkun qiegħed jiġi sfiduċjat f'għajnejn il-pubbliku, li ċertament ma tgħinx biex tissaħħaħ il-fiduċja fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Wiehed ukoll ma jistax ma jinnotax illi l-prassi tal 'head hunting' adoperata sa issa fil-hatra tal-Gudikanti

hija wahda tajba peress illi tassikura li l-ahjar elementi jintghazlu, u hija prassi adoperata madwar id-dinja kollha minn kull organizazzjoni ta' success, u ghalhekk certament giet ippruvata bhala l-ahjar sistema ghall-ghazla ta' persuni f'karigi importanti u ta' portata delikata bhalma hija dik tal-Gudikatura.

Dwar il-proposti li jitkellmu fuq promozzjonijiet, wiehed irid jiccara x'tifhem din il-Kummissjoni bil-kelma "*Promozzjoni"*. L-assenjazzjoni tad-dmirijiet lill-gudikanti ghandha tibqa' biss f'idejn il-Prim'Imhallef, anke meta dan ifisser li gudikant jigi assenjat mill-Prim'Awla ghall-Qorti ta' l-Appell. Din ma hix promozzjoni imma bidla fin-natura tad-doveri Ghalhekk, anke fid-dawl ta' dak li qed jinghad taht il-para 2.2.2 (Il-Promozzjoni tal-Membri tal-Gudikatura) iktar l'isfel, il-kuncett ta' *promotions* u *demotions* ghandu jigi skartat in kwantu li mhux applikabbli ghas-sitwazzjoni tal-membri tal-Gudikatura.

(e) **Il-Hames Mizura- Hatra u Komposizzjoni tal-Kummissjoni ghall-Ghazla tal-Gudikanti (KGG):** Il-membri tal-gudikatura gja esprimew l-opposizzjoni shiha taghhom ghat-twaqqif ta' kummissjoni gdida. Hawnhekk jigi pprecisat li l-hatra tal-membri tal-KGG qed jigi propost li isir mill-President ta' Malta, li hu parti mill-Ezekuttiv. Din il-kummissjoni gdida, ghalhekk, facilment tista' tkun ta' paraventu ghall-Ezekuttiv mentri l-attwali Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja hija komposta mill-President ta' Malta u minn gudikanti li jintaghzlu mill- gudikanti stess, il-Prim'Imhallef u l-Attorney General *ex ufficio,* il-President tal-Kamra tal-Avukati *ex ufficio*, u zewg membri mahturin ghall zmien erba' snin - wieħed mill-Prim Ministru u l-ieħor mill-Kap tal-Oppożizzjoni li jgawdu r-rispett ġenerali tal-pubbliku u jkunu magħrufa għall-integrità u onestà tagħhom. L-ghazla ta' gudikant m'ghandhiex tkun esercizzju populista, imma tinvolvi gharbiel tal-kwalitajiet legali u guridici tal-persuna, u l-kapacitajiet tieghu/taghha li terfa' r-responsabbilitajiet rikjesti fuq livell professjonali, personali u anke familjari. Ma hemm ebda raguni ghalhiex dan l-esercizzju ma jistax isir bl-akbar rettezza mill-Kummissjoni attwali.

Hawnhekk jinghad ukoll li l-komposizzjoni attwali tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja tissoddisfa bil-qawwa l-kriterji addottati f'diversi dokumenti tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-*Councils for the Judiciary*[4] skont liema l-membri m'ghandhomx ikunu maghzulin mill-Gvern jew mill-Parlament. B'hekk ma hemmx lok li wiehed ibiddilhom.

[4] Recommendation CM/Rec(2010)12 of the *Committee of Ministers to Member States on Judges: Independence, Efficiency and Responsibilities;* Risoluzzjoni mehud f'St. Gallen, l-Isvizzera mill EAJ fil 24 ta' Mejju 2013; u Rapport tal-*Studies Commission tal IAJ* - Vienna 9-13 November 2003.

(f) **Is-Sitt Mizura - Salarji-Pensjonijiet -** Hemm qbil li dan il-fattur huwa krucjali sabiex l-gudikatura tigbed l-ahjar elementi tal-avukatura, u jehtieg li s-salarji ikunu adegwati biex jintlahaq dan il-ghan.

Dwar dan il-punt, li jizdiedu s-salarji u pensjonijiet tal-gudikanti biex ikunu ekwiparabbli ma' dawk tal-gudikanti Ewropej hija dovuta b'gustizzja u mhux bhala xi karrotta biex il-gudikant jippjega ruhu ghal proposti inaccettabbli u li jimminaw l-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Gudikatura. Dawn ir-riformi misshom ilhom li twettqu.

(g) **Is-Seba' Mizura - Hatra tad-Direttur tal-Prosekuzzjoni Pubblika u l-Avukati f'dan l-Ufficcju-** Il-Gudikatura ghandha interess li jkollha mohha mistrieh li l-Prosekutur Pubbliku jkun ta' kompetenza u integrita' indiskussa; ghalhekk dak li inghad f'(d) japplika wkoll f'dan il-paragrafu.

**<u>It-Tieni rakkommandazzjoni - Il-promozzjoni tal-Membri tal-Ġudikatura. (3.2)</u>**

**IT-TMIEN MIZURA :** Jinghad mal-ewwel illi din il-proposta ma taghmel ebda sens u l-Ġudikatura ma taqbilx magħha. Dak li intqal aktar il-fuq fejn giet diksussa il-Kummissjoni ghall-Ghazla tal-Gudikanti [2(d)] japplika hawnhekk ukoll. Apparti minn hekk, mhuwiex car x'tifhem il-Kummissjoni bil kelma "saff". Zgur li m'ghandux ikun hemm l-ideja li hemm gudikanti tas-Serje 'A' u Serje 'B'. Kullhadd huwa gudikant li jamministra il-gustizzja, sew jekk hu Magistrat, sew jekk hu Imhallef.

**<u>It-tielet rakkomandazzjoni - it-Tahrig tal-Ġudikatura. (3.3)</u>**

Il-membri tal-Gudikatura jaqblu li ghandu ikun hemm tahrig permezz tal-*Judicial Studies Committee* li jkun ko-ordinat bi qbil mal-Prim Imhallef sabiex jigi assikurat li l-operat tal-Qrati jibqa ghaddej b'mod efficjenti u ekwu, u jaqblu mal-proposti ghat-tishih ta' dan il-Kumitat li ghandu jinghata finanzjament u l-ghodda biex jmexxi programmi ta' stharrig biex l-gudikanti jinzammu aggornati mal-izviluppi legali fl-ahjar interess ta' pajjizna.

(a) **Id-Disa' Mizura:** Hemm qbil li l-Judicial Studies Committee jitwaqqaf b'Ligi billi tiddahhal fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigi nnutat, iżda, li l-fatt li l-Kumitat jigi stabbilit bil-Ligi jekk dan eventwalment ma jinghatax l-ghodda biex jopera, fosthom risorsi finanzjari u umani, dan ikun ifisser illi tali bidla legislattiva ma tkun ser tikkomporta ebda avvanz fit-tahrig tal-Gudikatura.

(b) L-**Għaxar Mizura**: **'Sistema ta' Mentoring'** : Is-sistema ta' *mentoring* huwa tajjeb fih innifsu u dan ġia ġie mħaddem mill-Ġudikatura internament. Ma hemmx qbil dwar is-suggeriment li gudikant jaghmel il-prattika tieghu fl-ewwel sitta sa' disa' xhur meta jiehu l-hatra għaliex dan iservi sabiex itawwal iż-żmien biex timtela b'mod immedjatament effettiv vakanza li tkun nħolqot. Meta jinhatar gudikant, il-htiega tieghu hija immedjata, li jibda jisma' l-kawzi mill-ewwel minnhabba ragunijiet ta' *backlog* - izjed u izjed jekk il-vakanza iddum ma tintela' mill-amministrazzjoni, bhal ma sehh fil-passat. Sabiex jiġi evitat dan wieħed jista' jaħseb sabiex il-ħatra ssir minn sitta sa disa' xhur qabel ma tinħoloq il-vakanza u jkun f'dan il-perjodu li jingħata t-taħriġ sabiex appena tinħoloq il-vakanza l-ġudikant jkun jista' jidħol minnufiħ b'mod effettiv fil-kariga. Jekk wiehed jorbot dan il-hsieb mas-suggeriment li ghandhom jinghataw preferenza avukati li jippratikaw fil-Qrati, dawn l-avukati gja huma midhla tal-ligi u prassi procedurali u, bhala Avukati, ikollhom l-esperjenza misthoqqa biex jindirizzaw il-bzonnijiet tal-parti fil-kawza u tal-gustizzja.

(c) **Il-Ħdax-il Mizura: Tahrig obbligatorju -** Hemm qbil bir-riserva li gja giet espressa rigward "promozzjonijiet."

(d) **It-Tnax il-Mizura : Stharrig fi *'Judicial Skills'* -** Hemm qbil izda wiehed irid jezamina l-ghodda u facilitajiet li ghandu a disposizzjoni tieghu l- *Judicial Studies Committee* biex jilhaq dan il-ghan.

(e) **It-Tlettax-il Mizura : Tahrig fl-Esteru :** Hemm qbil dwar dak propost izda ghandu jigi nnutat li, in vista tan-numru limitat ta' gudikanti li presentement jahdmu, ikun aktar ghaqli u 'cost effective' li jigu organizzati 'seminars' lokalment, sabiex jigi assikurat li aktar gudikanti jigu mharrga bi spiza anqas. Madanakollu, huwa minnu li tahrig fl-esteru, ghal perjodi qosra, huma ta' beneficcju ghal gudikatura sabiex il-membri tal-gudikatura jkollhom l-opportunita' illi jiltaqghu ma' kollegi taghhom minn pajjizi esteri u jitghallmu minn tali skambji bil-ghan illi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja timxi il-quddiem. Tali tahrig ghandu isir ukoll b'konsultazzjoni mal-Prim Imhallef sabiex jigi assikurat illi l-operat u l-andament tal-Qorti li fuqha tali gudikant jippresjedi ma tiġix disturbata b'dannu lejn l-utenti tal-Qorti, principalment ic-cittadin.

(f) **L-Erbatax-il Mizura : Librerija: Hemm qbil.** Il-Librerija taqdi funzjoni importanti izda l-kapacita' taghha attwali hija limitata u hafna kotba huma ta' edizzjonijiet antiki u superati.

**<u>Ir-raba rakkommandazzjoni : Id-Dixxiplina tal-Ġudikatura (3.4)</u>**

Dak li inghad fil-bidu rigward l-indipendenza tal-Gudikatura, japplika b'aktar qawwa ghal dawk is-suggerimenti li jindirizzaw d-dixxiplina u t-tnehhija tal-membri tal-Gudikatura. Kif gie spjegat, il-Gudikatura ghandha l-obbligu li tkun vigilanti sabiex ikun sgurat li l-ebda intervent mill-Ezekuttiv ma' jista' b'xi mod ixejjen jew ifixkel lill-Imhallef jew lill-Magistrat fil-qadi ta' dmirijietu. Dan isehh jekk is-sistema adottata tohloq biza fih ta' xi forma ta' dixxiplina jew tnehhija mhux facli jew mhux f'lokha, li tigi esercitata minghajr l-gharbiel misthoqq u imwettqa minn persuni jew awtoritajiet li mhumiex indipendenti minn, jew huma ta' paraventu ghall-istess Ezekuttiv.

Gudikant ghandu jkun konxju li l-agir tieghu jirrifletti fuq shabu kollha b'mod kollettiv. Huma dawn il-membri li ser jisimghu mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja anke meta din tigbdilhom biss l-attenzjoni taghhom ghal xi nuqqas fl-imgieba taghhom li jikser l-kodici tal-Etika. Sfortunatament, mhux kullhadd jista' jitkejjel bl-istess xiber u ghalhekk hemm qbil li jinghataw lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-

Gustizzja poteri aktar wiesa’ u effettivi biex tamministra d-dixxiplina fost il-Gudikanti b'mod li il-funzjoni taghha attwali tissahhah.

Il-mod kif dan isir hu wiehed li ghandu jigi diskuss. Il proporzjonalita' suggerita fil-hmistax il-rakkommandazzjoni hija f'waqtha. Ghandu ikun hemm identifikazzjoni ta' gradi ta' infrazzjonijiet u offizi, u distinzjoni wkoll, fejn applikabbli, bejn dawk li jkunu kommessi mill-gudikant fil-hajja privata tieghu u dawk fil-qadi ta' dmirijietu.

Ir-rakkommandazzjoni ta' xi mizura dixxiplinarja ghandha issir mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja permezz ta' kumitat appositu, kif gia kienet il-prassi sa issa, liema kumitat ghandu izda jkun kompost minn gudikanti eletti ghal dan il-ghan minn fost il-gudikanti stess, bhal ma jsir fil-kaz tal-kumitati tal-Avukati u tal-Prokuraturi Legali. Il-mizura dixxiplinarja tigi, skont is-serjeta' tal-offiza, applikata jew internament mill-Prim'Imhallef, f'forma ta' avviz, jew mill Kumitat tal-gudikanti b'canfira jew twiddiba, jew anke b'sospensjoni. Ghandu ikun hemm id-dritt ta' appell lill-Kummissjoni plenarja. Il-procedura ta' investigazzjoni ta' kazijiet serji li jwasslu ghat-tnehhija ta' Gudikant tibqa' f'idejn il-Kummissjoni plenarja.

**IT-HMISTAX IL MIZURA** - : Dwar il-kuncetta tal-proporzjonalita’ fid-dixxiplina tal-Gudikatura hemm qbil. Presentement mhux kull ksur tal-Kodici tal-Etika iwassal ghat-tnehhija ta' gudikant - u hekk ghandu jkun ghalhiex il-Kodici tmiss sew infrazzjonijiet li jistghu joholqu percezzjoni hazina dwar il-gudikant innifsu, u fuq il-Bank shih tal-Gudikatura, kif ukoll offizi gravi li huma inkompatibbli mal-guramenti li jittiehdu minn kull Imhallef u Magistrat meta jissejjah biex jaghti s-servizz tieghu fil-Qrati. Izda mhux kull infrazzjoni ghandha tattira pubblicita' jew dixxiplina severa. Hafna drabi, li tigbed l-attenzoni ta' dak li jkun, huwa bizzejjed. Wiehed ma jistax jinsa li gudikant ghandu jigi salvagwardat fir-rwol tieghu anke biex ir-rispett lejn l-awtorita' tieghu fil-Qorti , li hu essenzjali ghall-ahjar amministrazzjoni tal-kawzi, tibqa' intatta.

**IS-SITAX - IL-MIZURA : Lista ta' Mizuri ta' Dixxiplina f'kaz ta' infrazzjonijiet zghar:**

Għandu jkun previst rwol għall-Prim Imħallef li jkun hu li jeżerċita dixxiplina għal ċerti infrazzjonijiet ta' grad minuri kemm għaliex ma għandux ikun neċessarju li dwar ċerti nuqqasijiet minuri l-ġudikant għandu jiġi kull darba assoġġettat għall-Kummissjoni dixxiplinari kif ukoll sabiex l-enerġija u r-risorsi ta' din il-Kummissjoni jkunu jistgħu jiġu konċentrati fuq infrazzjonijiet li jimmeritaw l-attenzjoni tagħha.

Dwar din il-mizura, jinghad minnufih li s-suggeriment li Imhallef ikun trasferit minn Qorti ghall-ohra ma jaghmel ebda sens. Dan jikkostitwixxi indhil fil-funzjonijiet kostituzzjonali u istituzzjonali tal-Prim'Imhallef li, il-passat jghallimna. hu bzonnjuz ghall-ahjar funzjonar tal-Qrati. Jekk il-Prim'Imhallef jidhirlu, jista' jassenja Imhallef mill-Qorti ta' l-Appell ghall-Prim'Awla jew *vice versa*, dejjem fl-ambitu ta' dak li intqal, izda, li qadi fil-Qorti ta' l-Appell ma jfissirx promozzjoni.

Ghall-istess ragunijiet li gja gew spjegati, il-kuncett ta' *downgrading* jnehhi mill-validita' ta' Imhallef tal-Prim'Awla u tal-Magistrat. Kollha huma gudikanti. Ċertament, flok jikkontribwixxi ghal fiducja akbar fil-membri tal-gudikatura, tali suggeriment jservi biss biex jimmina l-fiducja tal-pubbliku fil-membri tal-gudikatura li jiġu *downgraded* u konsegwenzjalment fil-gustizzja amministrata minnhom.

Dawn iz-zewg mizuri proposti bhala mizuri ta' dixxiplina huma ghalhekk totalment inacettabbli.

Dwar il-possibbilta' ta' sospensjoni f'kaz ta' infrazzjoni minuri, ma hemmx qbil illi tali infrazzjoni ghandha twassal ghas-sospensjoni tal-funzjonijiet tal-gudikant. Dan jikkontradixxi l-kuncett ta' proporzjonalita' li ghandha tkun il-kejl fl-applikazzjoni tal-mizuri proposti.

Il-mizura tas-sospensjoni ghandha tkun applikata biss fil-kaz ta' offizi gravi. Il-perjodu impost ghas-sospensjoni m'ghandux ikun izjed minn tlett xhur, altrimenti johloq piz fuq il-gudikanti l-ohra u fuq il-partijiet fil-kawza u jista' jikkontribwixxi ghall-*backlog* li kien l-iskop primarju ta' l-istudju ta' riformi holistici . Jekk l-offiza hija tant gravi li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni ghandha tattira perjodu in eccess ta' tlett xhur, allura jkun probabbli li tkun gravi bizzejjed biex tiggustifika proceduri ta' tnehhija. Gudikant li jasal f'dan l-estrem ma jkunx idoneu biex ikompli iservi fuq il-Bank tal-Gudikatura.

Rigward il-pubblicita' li ghandha tinghata hemm qbil li l-mizura ta' sospensjoni tinghata pubblicita'.

**IS-SBATAX-IL MIZURA: LISTA TA' OFFIZI**

Ma hemmx qbil li jsir elenku ta' "offizi" (jidher hawn li r-riferenza hi għal reati). Il-Kodici ta' l-Etika kien imfassal biex jirregola l-imgieba tal-gudikanti u dan ghandu jibqa' l-punt ta' riferenza ghall-Gudikanti bhal ma hi l-Kostituzzjoni.

Reati depenalizzati bhal *parking tickets,* kontrarjament ghal dak suggerit, m'ghandhomx jattiraw passi dixxiplinari.

Ma jistax ma jigix innutat illi l-"offizi" kkontemplati mill-Kummissjoni ghal-proceduri dixxiplinari kontra gudikant huma ferm aktar oneruzi minn dawk presentement ikkontemplati ghal inabilitazzjoni tal-Avukati fl-Artikolu 84 tal-Kap 12 u filwaqt illi wiehed jifhem li l-posizzjoni ta'gudikant fejn jirrigwarda onesta', integrita u professjonalita' ghandha tkun aktar protetta fl-ahjar interess tac-cittadin, certament hafna mill-"offizi" elenkati mill-Kummissjoni ma ghandhom ebda impatt fuq l-onesta', integrita' u professjonalita' tal-persuna bhala gudikant.

**IT-TMINTAX-IL MIZURA -TWAQQIF TA' KUMMISSJONI GHAD-DIXXIPLINA TAL-GUDIKANTI .**

Qed issir riferenza ghal-dak li gja gie imfisser fir-rigward tal-garanziji esistenti fil-komposizzjoni attwali tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u li l-mira ghandha tkun ghat-tishih tal-poteri taghha (kif previst fit-termini ta' riferenza tal-Kummissjoni għar-Riforma Holistika) sabiex tkun hi l-organu kostituzzjonali li tapplika d-dixxiplina fost il-gudikanti. Dan isir permezz ta' kumitat kompost minn Imhallfin u Magistrati eletti minn fost il-membri tal-gudikatura, bl-appell lill-Kummissjoni f'plenarja. Ghalhekk ma hemmx qbil li titwaqqaf kummissjoni gdida kif issuggerit .

## IL-HAMES RAKKOMANDAZZJONI - IT-TNEHHIJA TAL-GUDIKATURA (3.5)

Huwa ttamat illi t-titolu ta' dan il-kapitolu, ossija "Tnehhija tal-Gudikatura", huwa rizultat ta' "lapsus calami" da parte tal-Kummissjoni in vista tal-ghaggla taghha biex tohrog tali rapport ghalkemm dan it-titolu jista' jirrifletti il-hsieb ta' dina l-Kummissjoni peress li d-direzzjoni tal-operat u r-rapporti taghha kif riflessi f'diversi proposti taghha jidher li jistgħu joħolqu l-perċezzjoni li aktar huma ntiżi sabiex jipprovdu għat-tneħħija tal-Gudikatura milli għat-tisħieħ tagħha. Jkun wisq li l-Ġudikatura tassumi li hawn ir-riferenza kellha tkun għat-"Tneħħija ta' Ġudikant" u mhux għat-"Tneħħija tal-Ġudikatura"?

## ID-DSATAX-IL MIZURA :

It-thassib f'loku tal-Gudikatura li s-suggerimenti f'dan l-Ewwel rapport jimminaw direttament l-indipendenza taghha, isib l-akbar espressjoni u konferma fis-suggeriment li tmiss it-tnehhija tal-gudikanti. L-eliminazzjoni bl-iktar mod inspjegabbli tal-protezzjoni garantita mill-Kostituzzjoni permezz tal-*impeachment procedures* mill-organu Legislattiv (il-Parlament) jassoggetta lill-Gudikanti ghall-awtorita' shiha tal-Ezekuttiv. F'kull pajjiz li ghandu ghall-qalbu d-demokrazija, ippernjata fuq is-sistema ta' separazzjoni ta' poteri u r-rispett ghar-*rule of law,* ikun affermat u rinforzat il-principju li t-tnehhija tal-gudikant m'ghandhiex issir skont il-pjacir tal-Gvern tal-gurnata. Lanqas ghandha tkun sanzjoni ta' applikazzjoni facli altrimenti l-Imhallef jew il-Magistrat ma jkunx jista' jagixxi b'mod awtonomu.

Forsi wiehed ghandu jiccara li dawn il-principji huma sanciti fil-Kostituzzjoni ghall-protezzjoni stess tac-cittadin. Mela gudikant jista' b'serenita' jaqta' kawza kontra l-Gvern jekk il-Gvern, tramite' persuna minnu mqabbda jista' jnehhih?

Fis-sistema demokratika taghna, hija l-Legislatura, it-tielet pilastru tal-Istat, li tezercita' kontroll finali fuq il-Gudikant. Din hija demokrazija attiva. L-argument li s-sistema ma hadmitx huwa dgħajjef fil-kwadru shih tas-sistema Kostituzzjonali taghna. Jekk il-mozzjoni tghaddi jew ma tghaddix hija espressjoni tal-volonta' tal-poplu wara li jkun sar l-ewwel gharbiel mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Fl-ahhar mill-ahhar, il-gudikant huwa *accountable* lill-poplu u mhux lill-Gvern. Għalhekk qiegħed jigi ssuggerit li ir-rakkomandazzjoni ta' tnehhija issir bl-inizjattiva tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni

tal-Gustizzja liema rakkomandazzjoni tkun soggetta ghall appell quddiem il-Qorti tal-Appell f'sede kolleggjali.

Madanakollu, ghandu jinghad f'dana l-istadju, li peress illi l-Kummissjoni ghadha qieghda tirredigi t-tieni rapport taghha dwar proposti ulterjuri, (liema rapport gie pubblikat fil-jiem li ghaddew) il-Gudikatura ma hijiex f'pusizzjoni illi tghaddi proposti ulterjuri f'dana l-istadju, ghalkemm hija miftuħa għal metodi oħra alternattivi kif ġudikant jitneħħa mill-uffiċju tiegħu u disposta li tevalwa u tezamina dawk il-metodi ohra li jistghu jigu suġġeriti sakemm tigi ssalvagwardjata l-indipendenza tal-Gudikatura.

**<u>Is-sitt rakkomandazzjoni – Twaqqif tal-Ufficcju tal-Ġurista (3.6)</u>**

Dwar il-hatra tal-Gurista u l-abolizzjoni tal-Assistent Gudizzjarju, il-Ġudikatura ma tistax ma tinnotax li, ghal darba ohra, il-Kummissjoni qieghda taghmel sforz kbir sabiex tillimita l-involviment tal-gudikant fil-gestjoni tal-kawzi, bil-mottiv dikjarat li tnaqqqas il-piz tax-xoghol tal-gudikant. Dan, izda, itendi li jissarraf filli l-ġudikant, bis-salvagwardji kollha li jiċċirkondawh sabiex tiġi assigurata l-indipendenza u l-imparzjalita' tiegħu, jiġi reż aktar dispensabbli u sabiex l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tiġi aktar dipendenti fuq persuni li ma jgawdux minn dawk is-salvagwardji. Ghalhekk, filwaqt illi hemm qbil illi l-gudikant ghandu jinghata assistenza ta' natura legali bil-ghan illi jopera b'mod aktar effettiv, hemm riservi serji dwar il-hatra ta' Gurista kif propost mill-Kummissjoni.

Ma jistax ma jigix innutat ukoll illi l-proposta kif maghmulha taghmel ingustizzja kbira lil, u turi insensittivita' mill-akbar lejn, l-Assistenti Gudizzjarji in kariga kollha li presentement jassistu lill-gudikanti, li fil-maggoranza taghhom jaqdu dmirijiethom kif suppost u, del resto, gia jaghmlu dak ix-xoghol kollu illi l-Kummissjoni qed tattribwixi lill-Gurista.

Il-Gudikatura hi tal-fehma illi, minflok ma jigi kkreat ufficju gdid ta' Gurista' (għalkemm ma għandhiex qalbha partikolarment marbuta ma' xi nomenklatura partikulari) bi spiza kbira da parte tal-Gvern, liema spiza tista certament tinutza b'mod aktar ghaqli u effettiv, il-posizzjoni tal-Assistant Gudizzjaru jigi aktar imsahhah billi jiddahhlu aktar Assistenti Gudizzjari fuq bazi 'full time' sabiex kull gudikant ikollu a disposizzjoni tieghu Assistant Gudizzjarju biex jghinu fil-kawzi li ghandu. Ghandhom ukoll jizdiedu l-kompetenzi tal-Assistenti Gudizzjarji sabiex ikunu jistghu jassistu kemm fil-proceduri civili kif ukoll fil-proceduri kriminali.

# Ir-Raba Taqsima

## KUMMENTI DWAR RAKKOMANDAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI

### Id-Dewmien fi Proċeduri Ġudizzjarji

Bħala komment ġenerali jingħad illi s-sistema tagħna taghti prijorità lill-aċċessibilità tal-ġustizzja aktar milli lill-effiċjenza. Faċli żżid l-effiċjenza billi tagħmilha anqas faċli li tiftaħ kawża u hekk tnaqqas in-numru tal-kawżi biex il-kawżi li jidħlu jiġu trattati aktar malajr. Is-sistema tagħna ma ghazlitx dik it-triq u ċertament ma aħniex qegħdin nissuġġerixxu illi jiżdiedu t-tariffi biex jonqsu l-kawżi.

Madankollu ma nistgħux niċħdu illi numru mhux traskurabbli ta' kawżi u ta' appelli huma vessatorji u forsi huwa l-każ illi, bħala miżura restrittiva, is-sanzjonijiet kontra min jinqeda bi proċeduri ġudizzjarji għal għanijiet frivoli jew vessatorju jiġu applikati b'aktar rigoriżità mingħajr ma jinħolqu ostakoli artifiċjali għal kawżi ġenwini. Apparti minn hekk, huwa forsi l-kaz illi jigi kkontemplat il-possibbilta' ta' decizjonijiet sommarji u qosra f'tali istanzi, sabiex jitnaqqas id-dewmien.

Ma nistgħux ma nosservawx, f'dan il-kuntest, illi ċerti "innovazzjonjiet" introdotti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem – xi wħud forsi b'użurpazzjoni ta' funzjoni leġislativa minn organu ġudizzjarju - qegħdin joħolqu element ta' inċertezza li x'aktarx iħeġġeġ lil min jagħmel kawżi u appelli kostituzzjonali x'aktarx frivoli bit-tama li forsi tiġih żewġ fi Stasburgu. Fuq dan l-iżvilupp, iżda, ma għandna ebda kontroll għalkemm għandu jingħad li pajjiżi oħrajn semmgħu leħehom fuq livell politiku meta dehrilhom illi l-iżviluppi minn Strasburgu qabżu dak li hu raġonevoli.

Biex niġu lura għas-sistema ta' pajjiżna, jidhrilna illi waħda mir-raġunijiet ta' ineffiċjenza, aktar milli n-numru ta' kawżi, hija n-numri ta' kawżi fuq il-lista fl-istess ħin b'mod illi ġudikant, flok jisma' mill-bidu sa tmiemhom u jaqta' numru żgħir u maneġġevoli ta' kawżi kull seduta jkollu jqassam il-ħin bejn għexieren ta' kawżi b'mod illi jista' jagħti lil kull kawża biss ftit minuti kull seduta. Jidher li s-sitwazzjoni tista' titjieb jekk ikun hemm żewġ tipi ta' listi, b'waħda intiża għall-ippjanar tal-proċess tal-kawża, li tista' tkun itwal, u oħra b'lista qasira ta' kawżi, anki jekk ikun meħtieġ lista ta' kawża waħda, sabiex din tkun tista' tibda tinstema' u tibqa' tinstema sakemm titwassal għas-sentenza. Għalhekk it-tishih u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' tħejjija tal-kawża qabel is-smigħ (*pre-trial stage*), gia

ikkontemplata fl-artikoli 13 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 'Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni' huwa essenzjali. Matul din il-fażi tal-kawża għandu jsir dak kollu li hu meħtieġ biex il-kawża meta jasal it-turn tagħha, tinstema' mill-bidu sa tmiemha. Fost il-ħwejjeġ li jistgħu jsiru f'din il-fażi nistgħu nsemmu:

- l-identifikazzjoni tal-fatti kontestati u dawk li dwarhom hemm qbil, sabiex waqt is-smigħ ma tinġiebx xiehda fuq fatti li dwarhom ma hemmx kontestazzjoni;
- l-identifikazzjoni tal-persuni li għandhom ikunu parti fil-kawża, sabiex ma tqumx il-ħtieġa ta' sejħa fil-kawża, u l-ħtieġa li jsir kollox mill-ġdid, f'nofs is-smigħ;
- l-identifikazzjoni ta' żbalji li jiħtieġu korrezzjonijiet;
- il-produzzjoni tad-dokumenti meħtieġa, sabiex ma tqumx il-ħtieġa waqt is-smigħ ta' differimenti biex parti teżamina d-dokumenti.

Dan kollu jista' jsir illum taħt l-art. 173 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-Artkolu 13 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 fuq imsemmija iżda jista' jkun aktar effikaċi jekk tinħoloq struttura biex tassikura li dak li jiġi ordnat mill-ġudikant jiġi mwettaq mill-partijiet qabel ma l-kawża titqiegħed fuq il-lista għas-smigħ.

Ngħaddu issa għall-proposti individwali tal-Kummissjoni:

**Is-seba' rakkommandazzjoni – Mizuri biex jevitaw id-dewmien (3.7):**

(a) **Kawżi kontra l-Gvern -**

Naqblu illi għandu jkun l-Avukat Ġenerali, u dan biss, li jiġi mħarrek f'isem il-gvern.

**(b) Korrezzjonijiet fl-atti -**

Naqblu mal-proposta dwar korrezzjonijiet, b'dan iżda illi korrezzjonijiet illi joħolqu ħtieġa illi parti tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jew illi titlob illi tressaq xiehda ġdida jkunu jistgħu jsiru biss fil-fażi ta' qabel is-smigħ. Inkella jiġri li jiġi skonfitt il-ħsieb li kawża tinstema mill-bidu sa tmiemha bla interruzzjonijiet.

**(ċ) Korrezzjonijiet fl-Okkju -**

Naqblu mal-proposta dwar korrezzjonijiet fl-okkju. Ghandu jigi accertat li l-partijiet ikunu infurmati dwar dawn it-tibdiliet u li l-korrezzjoni ssir jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun hekk legalment opportun li jsir.

Tali korrezzjonijiet jista' jkollhom effett fil-kamp kriminali stante li l-prassi, mhux neċessarament legalment neċessarja, adoperata fil-present hija li mal-korrezzjoni l-proceduri jergghu jibdew mill-gdid u sa kemm ma jkunx hemm ezenzjoni tal-partijiet il-Qorti terga tibda tisma' l-provi mill-gdid.

**(d) Eċċezzjonijiet li jitqajmu *ex officio* -**

Naqblu mal-proposta dwar eċċezzjonijiet li jitqajmu ex officio ghalkemm wiehed jifhem li l-każijiet li minnhom tilmenta l-Kummmissjoni u intiżi biex jiġu indirizzati b'din il-proposta, li mhux l-ewwel darba ġia ntużat mill-Qrati, huma aktar uniċi milli rari.

**(e) Notifika ta' atti ġudizzjarji -**

Naqblu mal-biċċa l-kbira tal-proposti dwar notifiki.  L-ewwel notifika għandha ssir bil-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex tassikura li l-parti li għandha tiġi notifikata tkun tassew irċeviet l-att. Imbagħad ikun dmir ta' dik il-parti li tagħti indirizz fejn isiru notifiki sussegwenti.  L-ewwel att ta' parti f'kawża (ir-rikors jew rikors maħluf u t-tweġiba) ma għandux jiġi aċċettat mill-attwarju jekk ma jkunx fih muri l-indirizz għan-notifika.

Jekk meta tiġi biex issir notifika sussegwenti jinzerta ma jkun hemm ħadd f'dak l-indirizz biex jiffirma għan-notifika għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-possibilita' li ssir affissjoni hemmhekk awtomatikament u dik titqies notifika valida sakemm il-persuna ma tkunx mietet Dan jevita l-ħtieġa li n-notifika ssir f'idejn l-avukat sakemm (ovvjament bi qbil mal-avukat) ma jingħatax l-indirizz tal-avukat bħala l-indirizz għan-notifiki. Għandu jingħata attenzjoni għad-diversi xenarji li jistgħu jkunu applikabbli sabiex jiġu maħsuba rimedji opportuni.

Idealment jinħoloq sistema biex in-notifika tkun tista' ssir b'mod verifikabbli bil-posta elettronika.

**(f) Dewmien fil-għoti ta' sentenzi -**

Naqblu illi sentenzi għandhom jingħataw fi żmien raġonevoli. Il-limitu ta' sitt xhur jidher li, bħala regola ġenerali, huwa żmien raġonevoli, madakollu ghandu japplika ghal kazijiet godda biss u mhux ghal kazijiet pendenti u din il-miżura għandha tkun maħsuba għal meta s-sitwazzjoni ġenerali tal-*backlog* ta' kawżi tkun marret konsiderevolment għall-aħjar. Naturalment, għandhom jitqiesu wkoll ċerti fatturi oħra relevanti. Per eżempju, spiss jiġri illi sentenza titħalla għas-sentenza b'fakoltà li l-partijiet jagħmlu noti ta' osservazzjonijiet. Is-sitt xhur jibdew igħaddu minn dakinhar tad-differiment għas-sentenza jew minn meta jagħlaq it-terminu għall-preżentata tal-aħħar nota? X'jiġri jekk parti tippreżenta nota tard? U jekk meta l-Qorti tigi biex tippronunzja s-sentenza ssib li hemm xi ntopp ta' natura proċedurali, jew evidenza nieqsa jew mitlufa, jew xi punt legali li jeħtieġ dibattu ulterjuri? Jew xi notifika nieqsa?

Jekk, meqjus dan kollu, sentenza tingħata tard, il-ġudikant għandu jagħti spjegazzjoni lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja [KAĠ] li, jekk tara li dan qiegħed isir ripetutament minn ġudikant partikolari, tieħu l-miżuri meħtieġa. L-istess KAĠ tara illi każijiet iżolati ma jservux ta' pretest biex issir pressjoni fuq ġudikant li ma jkunx ben vist mill-eżekuttiv.

Madanakollu, tali termini jwasslu ghal domanda ohra – x'jigri jekk sentenza ma tinghatax fiz-zmien u tinghata aktar tard – is-sentenza hija nulla ? U jekk tkun nulla, dan jgħin għal amministrazzjoni tal-ġustizzja aħjar. U jekk ma tkunx nulla allura dan it-terminu għandu jkun previst bħala wieħed tassattiv jew għandu jitqies bħala wieħed biss indikattiv, kemm bħala mira għall-ġudikant kif ukoll bħala senjalazzjoni għall-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja sabiex tintervjeni sabiex tissorvelja l-andament ta' dik il-kawża partikulari u sabiex tikkunsidra l-passi dixxiplinari li jkun jista' jidhrilha xierqa skont iċ-ċirkustanzi ta' kull każ ?

Ikun forsi opportun illi, minflok tali termini, tigi kunsidrata l-introduzzjoni ta' sistema ta' sentenzi '*ex tempore*' fejn gudikant jippronunzia ruhu permezz ta' decizjoni sommarja u f'kaz biss ta' appell illi r-ragunijiet ghad-decizjoni jigu spjegati.

**(g) Kopja tas-sentenza -**

Naqblu illi għandha tingħata kopja tas-sentenza hekk kif din tinqara, b'riżerva tal-possibilità li jsiru korrezzjonijet ta' żbalji tal-kitba *etc.* li ma jibdlux is-sustanza tas-sentenza. Madanakollu, dana mhux necessarjament possibbli fejn jidhlu il-proceduri sommarji u ghalhekk ghandha ssir eccezzjoni f'tali kazijiet.

Fil-kamp kriminali mhux dejjem possibbli li sentenza tkun disponibbli ghall-partijiet u mpoggija online fi zmien erbgha u ghoxrin siegha.

Fis-seduta tad-distrett jistghu jintalbu hafna sospensjonijiet pero fil-verita' hafna minn dawk is-sentenzi ma jigux appellati; anke jekk wehed jinsa l-hela taz-zmien involut kemm ta'l-istaff u tal-Qorti biex jinkitbu sentenzi ghall-xejn, mhux possibbli li dawk is-sentenzi kollha jitlestew fi zmien erbgha u ghoxrin siegha.

Meta Magistrat jkun ghassa jkun hemm diversi prezentati fejn l-imputat jammetti u tinghata sentenza *ex tempore*. Minhabba x-xoghol l-iehor kollu ta' l-ghassa huwa difficli li s-sentenzi jkun lesti fiz-zmien imsemmi.

L-istess meta jkollok ammissjoni fil-primo f'kumpilazzjoni li tibda b'citazzjoni prezentata fir-registru.

**(h) Tassazzjoni -**

Naqblu mal-proposta dwar tassazzjoni ta' kawżi.

**(i) Uniformità fit-termini -**

Naqblu mal-proposta dwar uniformità fit-termini. Forsi t-termini (ħlief f'każijiet fejn tkun meħtieġa deċiżjoni ta' malajr) jitwalu, p.e. minn 20 jum għal xahar. Effettivament dan ma

jagħmilx differenza fiż-żmien biex tinqata' l-kawża u jippermetti biex l-atti jsiru aħjar mingħajr l-iżbalji li ġġib l-għaġla. Madanakollu, wiehed ghandu jikkunsidra l-estensjoni tat-termini b'certa attenzjoni peress illi, fil passatt, kull meta twalu t-termini, dejjem twal anke id-dewmien !

**(j) Ezenzjoni mis-Sigriet Professjonali -**

Hemm qbil mal-proposta.

**(k) Medjazzjoni -**

Dwar l-introduzzjoni tal-medjazzjoni obbligatorja fil-proceduri kollha, ma hemmx qbil qabel ma ssir evalwazzjoni approfondita ta' kif is-sistema qiegħdha tiffunzjona llum. Il-medjazzjoni obbligatorja ma jidhirx li ħadmet kif mixtieq fil-Qorti tal-Familja u, filwaqt li setghet ottjeniet ir-rizultati previsti f'numru zghir ta' kazijiet, jidher li d'diversi każijiet setgħet holqot iktar dewmien a skapitu tac-cittadin. Dana jista jkun attribwit kemm ghan-nuqqas ta' rizorsi fejn tidhol medjazzjoni u l-medjaturi a disposizzjoni tal-Qorti, kif ukoll minhabba f'nuqqas da' parte tal-partijiet biex jikkooperaw tul tali proceduri u tal-gudikant milli jzomm kontroll shih tal-proceduri ghaddejjin.

Il-kawza ghandha tinbeda u titkompla quddiem il-Gudikant li ghandu juza l-mezzi kollha a dispozizzjoni tieghu biex jigu identifikati l-kwistjonijiet fil-vertenza, il-provi, u punti ta' qbil bejn il-partijiet. Huwa l-Gudikant li hu responsabbli ghall-amministrazzjoni tal-kawza li tqeghdet fuq il-lista quddiemu, u ghalhekk huwa essenzjali ghall *good case management* li jzomm il-kontroll hu fuq l-andament tal-kaz, mill-bidu sa' l-ahhar. Gudikant tajjeb jaf imexxi. Il-medjazzjoni tista' tkun ghodda siewja li tista' tghin skont il-kaz, imma m'ghandhiex isservi bhala tapp biex taparsi l-kawza tkun miexja mentri fil-fatt ma jkun qed isir ebda progress u ghalhekk, kwalsiasi introduzzjoni tal-medjazzjoni ghandha tkun soggetta ghad-decizjoni tal-gudikant meta jinbdew il-proceduri gudizzjarji u mhux ghandhom ikunu obbligatorji qabel ma jinbdew tali proceduri. Din mhix soluzzjoni imma gustizzja tardiva li hija biss paljattiva mhux kura.

**(l) Uzu ahjar tat-Teknoligija tal-Informatika**

Għandu jiġi rikonoxxut li kien hemm titjib sostanzjali fl-użu tat-teknologija tal-informatika fi ħdan tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja iżda hemm qbil illi jiġi eżaminat kif jista' jkompli jikber il-kontribut li tista' tagħti din it-teknologija fil-ġestjoni aħjar tal-kawzi u sabiex jithaffu l-proceduri gudizzjarji. Il-proposti kif maghmulha huma għalhekk kollha ben visti da' parte tal-gudikatura.

Madanakollu, dwar il-mizura 71 ghandu jigi rilevat illi, fil-kamp kriminali, hija kwestjonabbli kemm hu possibbli li l-Magistrat ikun jista' jikkonsulta ma' dan id-*data base* fil-kunsiderazzjonijiet dwar il-kaz peress illi dan imur kontra l-principju li l-gudikant irid jibbaza ruhu fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali biss.

Ghal dak li jirrigwarda il-mizura 72 rigwardanti kreazzjoni ta' *database* fuq persuni involuti fil-process gudizzjarju, ghandu jigi assikurat illi tali *database* ghandu jinzamm biss ai fini ta' speditezza ghall-istaff tal-Qorti u forsi ghall-pulizija izda zgur m'ghandux ikun accessibbli ghal terzi.

**(m) L-Affidavits**

Hemm qbil dwar il-fatt li l-uzu tal-affidavits qed jigi abbuzat ghalkemm ikun hemm lok ta' diskussjoni fir-rigward ta' l-uzu tal-affidavit u xhieda *viva voce.*

**(p) Mandat ta' Tahrik ta' Xhieda**

Ghalkemm hemm qbil dwar dak propost sabiex jigi assikurat illi Mandat jigi ezegwit u rispettat, huwa forsi ftit eccessiv illi tigi imposta multa ta' hames mitt Euro f'kaz li ma jitlax. Apparti minn hekk, il-proposta li xhud li ghandu jipproduci d-dokumenti ghandu jigi notifikat gimghatejn qabel mhux necessarjament tkun effettiva peress illi tista taghti lok ghal aktar dilungar taz-zmien f'kaz illi xhud jigi notifikat f'periodu iqsar minn dak hawn fuq stabbilit. Apparti minn hekk, fil-kumpilazzjonijiet hafna drabi l-ufficjal prosekutur ma jkollux gimghatejn zmien minn meta jircievi r-rinviju ta'l-AG sad-data tas-smiegh sabiex iharrek ix-xhieda.

**(q)** ***Procedura ta' Discovery*** - Billi l-pretrial mhux dejjem applikabbli kollox huwa soggett ghall uzu ta' din is-sistema kif spjegat aktar il-fuq.

**(r) u (s)** – Dwar il-mizuri li jikkoncernaw ir-Rikors Guramentat u il-Qorti tal-Familja, hemm qbil.

**(t) Identifikazzjoni tal-Punti ta' Kontestazzjoni waqt il-Pre Trial hearing -** Dwar l-identifikazzjoni tal-punti ta' kontestazzjoni waqt il-pre-trial hearing, il-posizzjoni tal-gudikanti hija li il- ***Pre trial*** jista' jordnah biss il-gudikant u ma ghandux ikun mandatorju ghaliex jista' ikun il-kaz li l-punti in kwistjoni huma identifikabbli minnufih altrimenti il *pre-trial* jista' iserva biex jikkontribwixxi ghad-dewmien.

**(u) Atti fir-Registru u Arkivji –** Dwar l-access ghall atti gjacenti fir-registru u l-arkivji, hemm qbil dwar dak propost sakemm dawna huma facilment accessibbli ghal gudikant peress illi, f'kaz li isir referenza ghal dokument li mhux facilment accessibbli ghal gudikant, tali proposta tista twassal ghal dilungar.

**(v) Kjarezza fl-azzjoni** – Dwar il-htiega ta' kjarezza fl-azzjoni, hemm qbil illi r-raguni u bazi legali ta' kull kawza ghandhom ikunu ccarati bhal ma dejjem sar. Il-htiega ta' din l-emmenda, madanakollu, hija nebuluza. Hemm bzonn li l-kummissjoni tispjega jekk dak li qed jigi ssuggerit ser johloq kawzali gdid ghan-nullita tal-att ghalhiex b'hekk dan is-suggeriment jista' iwassal ghall-ingustizzja .

**(w) Assenjazzjoni ta' Kawzi** - Fil-present issir mill-Prim Imhallef u hekk ghandu jibqa' jsir. Il-President, li hu parti mill-poter Ezekuttiv, m'ghandux jindahal fl-assenjazzjoni tal-kawza. Il-Kummissjoni donnha ma tafx illi l-kawzi gia qed jigu assenjati skont is-suggett in materja u dina ilha ssir ghal hafna snin u b'success.

**(x) Ir-Ritrattazzjoni -** Dwar il-proposti relatati mal-istitut tar-ritrattazzjoni, hemm qbil.

**(y) Simplifikazzjoni tal-Procedura Kriminali -** Dwar il-proposti relatati lejn simplifikazzjoni tal-proceduri kriminali hemm is-segwenti kummenti:-

- Dwar il-miżura **96** din ilha li ġiet implimentata mit-23 ta' Diċembru 2005 bl-Att XXII tal-2005 li bl-artikolu 7 tiegħu emendat l-artikolu 520(1) tal-Kodiċi Kriminali billi rrendiet applikabbli għall-qrati tal-ġustizzja kriminali l-artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

- Dwar il-mizuri **97**, **98**, **99**, hemm qbil ma dak propost.
- Dwar il-mizura **100** relatata mad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali dwar fejn tinstema kawza kriminali, ghandu jigi nnutat illi tista' tinqala problema minhabba definizzjoni ta' traffikar u money laundering u li din tinkludi kull traffikar u kull money laundering irrispettivament minn l-ammonti involuti; ghalhekk minn traffika gramma qed tipogga f'l-istess keffa bhal min traffika kilo u l-istess ghall-money laundering.
- Dwar il mizura **101** li tirrigwarda is-sitwazzjoni tar-rinviji, għandu jingħad li jidher li r-responsabilita' għad-dewmien qiegħda tiġi addossata unikament u sempliċistikament fuq l-Avukat Ġenerali. Huwa żball li wieħed jaħseb hekk għaliex b'hekk ma jiġux indirizzati l-ineffiċjenzi ta' atturi oħra fil-proċess istruttorji, fosthom tal-Pulizija fein si tratta ta' taħrik ta' xhieda, disponibilita' ta' riferti, u fatturi oħra. Ghalkemm jinhass illi, bl-ghoti tar-risorsi kollha necessarji kemm fil-Qorti kif ukoll fl-Ufficju tal-Avukat Generali, il-legislazzjoni odjerna li tobbliga li kumpilazzjoni tinghalaq sa zmien xahar u masimu ta' tlett xhur hija fattibbli, iżda f'kaz li tali rizorsi jibqgħu mhux moghtija, il-proposta ta' "capping" tar-rinviji hija konsiljabbli pero certament jinqalghu problemi f'kaz li, per ezempju xhud jibqa ma jinstabx. Ghandu jigi rilevat li disgha xhur biex tinghalaq kumpilazzjoni huwa perjodu qasir wisq tenut kont li f'disgha xhur jistghu jinzammu sitt udjenzi (meta l-Magistrat jibghat l-atti ghand l-AG id-differiment bil-fors irid jaghti bejn hames u sitt gimghat wara. Anke tlett xhur biex l-imputat iressaq il-provi kollha tieghu u ssir trattazzjoni f'hafna kazijiet huma ftit wisq anke in vista tal-fatt li fl-istruttorja l-imputat kważi invarjabilment jaghmel il-kontroezamijiet wara li jaghlqu l-provi l-prosekuzzjoni. Tlett xhur ghas-sentenza ukoll jista jkunu ftit wisq f'xi kazijiet. Fid-dawl tal-capping hawn propost, u sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' preġudizzju għall-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja, ikun opportun illi jiġi kunsidrat li jsiru emendi legislativi li kjarament jakkordaw id-dritt lill-Avukat Ġenerali li fi stadju ta' guri jipproducu bhala xhieda persuni illi ma jkunux tressqu bhala xhieda waqt il kumpilazzjoni, soggett ghal kundizzjoni illi jiridu jigu elenakti fil-lista tax-xhieda tal-guri apparti xi kundizzjonijiet oħra li jkunu jidhru meħtieġa.
- Dwar il-mizura numru **102** li tirrigwarda is-separazzjoni tal-funzjonijiet tal-Avukat Generali, ma huwiex opportun illi jinghaddu kummenti f'dana ir-rigward. Biżżejjed li jingħad li l-Ġudikatura hi ċertament interessata li tibqa' tkun moħħa mistrieħa li l-

prosekutur pubbliku jkollha dawk il-garanziji legali u kostituzzjonali meħtieġa sabiex l-indipendenza tiegħu mill-Esekuttiv tkun garantita.

- Dwar il-proposta li ma jkunx hemm htiega ta' guri izda l-Imhallef f'certi kazijiet, jigi assistit minn persuni teknici, ossija mizura **103**, il-Gudikatura thoss illi tali proposta kif redatta hija turija ta' nuqqas ta' konoxxenza tad-dinamika operanti fil-kors ta' ġuri u xxellef il-prinċipju bażilari tal-ġuri li persuna għandha tiġi aġġudikata minn cittadini ordinarji. Dan jista' jkun rifless tal-kompożizzjoni tal-Kummissjoni li fiha hemm nuqqas ta' persuni li pprattikaw fid-dritt penali. B'danakollu il-Ġudikatura ma hix avversa li tingħata kunsiderazzoni lil din il-miżura jekk hekk ikun jidher opportun.

- Dwar il-Magistrati Inkwirenti, ossija mizura **104**, jigi nnutat illi l-problema tad-dewmien f'l-inkjesti hija dovuta kemm ghal fatt illi jsiru hafna inkjesti bla bzonn kif ukoll in vista tal-fatt li hemm nuqqas ta' esperti fid-diversi oqsma koncernati b'mod li f'kull qasam jkollok espert wiehed jew possibilment tnejn disponibbli u dawn jitqabbdu mhux biss f'l-inkjesti imma anke fil-kumpilazzjonijiet. Hafna drabi ma jkunx possibbli ghal dan l-espert wiehed biex jirredigi r-rapporti kollha b'mod spedit; normalment jaghtu priorita lir-rapporti li jkun ser jigu prezentati f'kawza u l-ohrajn jaqghu lura. Fil-Qorti t'Ghawdex hemm il-problema li l-esperti ilhom ma jithallsu tlett snin u ghalhekk waqfu jipprezentaw rapporti.

  Wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni ukoll li Magistrat Inkwirenti irid ikun *on call* il-hin kollhu 24/7 7 days a week; taghmel sens li mill-Magistrati jkollok numru limitat minnhom li jridu jkunu disponibbli b'dan il-mod u l-ohrajn le?

- Dwar il-mizura **105** li tirrigwarda li kawza kriminali tista tinstema u tinqata fl-assenza tal-akkuzat sakemm ikun ġie notifikat, filwaqt li jigi registrat qbil dwar dan da parte tal-Gudikatura, ghandu jigi nnutat illi jridu jsiru xi tibdiliet bil-mod kif jigu notifikati c-citazzjonijiet biex jigi assigurat li imputat verament ikun notifikat. In oltre la darba jigi notifikat bic-citazzjoni u d-data ta' l-ewwel smiegh, tkun ir-responsabbilta tieghu li jibqa jsegwi d-dati tad-diferimenti u ma jkunx hemm htiega ta' notifiki ulterjuri.

- Dwar li kawza kriminali tistema bl-appuntament, ossija mizura **106**, filwaqt illi dina hija possibbli fil-kumpilazzjonijiet u kawzi kumplikati, certament hija impossibbli li l-

kawzi tad-distrett u l-kawzi l-ohra sommarji, jigifieri ta' taht is-sitt xhur prigunerija isiru b'appuntament, u dan minħabba l-volum kbir ta' kawżi involuti; huwa aktar fattibbli li wiehed jikkontempla staggering tal-hinijiet, kif fil-fatt diga qed isir, pero anke dan mhux necessarjament jista' jsir fil-kawzi kollha sommarji.

- Dwar il-mizura **107** relatata ma kawzi ta' debilita' permanenti, ghandu jigi rilevat li meta l-pulizija jkun jafu li hemm debilita permanenti il-kawzi dejjem jibdew bhala kumpiliazzjoni; il-problema tqum meta inizjalment jidher li l-griehi jkunu hfif jew jekk gravi, li jikkomportaw piena li taqa taht il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikattura Kriminali, u fil-kors tal-proceduri jirrizulta li l-griehi huma tali li suppost issir kumpilazzjoni. F'dak il-kaz u la darba minħabba l-piena issa r-reat jkun jezorbita l-kompteneza originali u trid issir il-kumpilazzjoni, il-kwistjoni vera u propja mhiex minn ser ikompli jisma il-kawza imma li l-kawza bil-fors trid terga tinstema mill-gdid. Ikunu jridu jinbidlu l-imputazzjonijiet (ghalkemm mhux dejjem) ikun irid isir l-ezami ta' l-imputat, u jkunu jridu jergghu jinstemghu ix-xhieda mill-gdid biex tinzamm it-traskrizzjoni tad-depozizzjoni taghhom stante li fis-sommarju d-depozizzjonijiet ma jigux registrati. Fil-verita', ghalkemm jigru, dawn il-kazijiet huma ftit.

- Dwar il-mizura **108** relatata ma' gradi ta' pieni karcerarji, hemm qbil.

- Dwar il-mizura **109** relatata mal-kawza civili fil-kawza kriminali, ma hemmx qbil ghalkemm wiehed jifhem u japprezza il-hsieb wara tali proposta. Tali nuqqas ta' qbil huwa dovut ghal fatt illi il-grad ta' prova rikjesta fiz-zewg proceduri huwa differenti ghalhekk liberatorja fil-kriminal mhux necessarjament ghandha tfisser nuqqas ta' responsabbilta fic-civil. Minbarra hekk normalment id-danni pretizi jkunu jezorbitaw il-kompetenza tal-Magistrati.

- Dwar mizuri **110** u **111** relatati mal-uzu ta' provi gia migbura u li akkuzat jigi liberat minhabba f'dettall erroneju, hemm qbil

- Dwar il-proposti relatati mal-patteggjament kif imressqa fil-mizuri **112** sa **118**, il-Gudikatura hi tal-fehma illi l-patteggjament qatt ma ghandu jithalla f'idejn il-Pulizija wahedhom, peress illi dina certament twassal ghal abbuz li l-Qorti ma jkollha ebda kontroll fuqha. Filwaqt illi l-patteġġjament ghandu jithalla f'idejn l-Avukat Generali jew ghal anqas il-Pulizija kif diretta mill-Avukat Generali, il-Qorti ghandha dejjem

tkun hielsa illi tiddeciedi hi jekk taccettax tali patteggjament wara illi tqies l-akkuzi li qed jingiebu quddiemha.

Dwar il-periodi stabbiliti, hemm qbil dwarhom in principju, peress illi l-introduzzjoni ta' tali perjodi jaccertaw li jinqata l-abbuz, u zzid tghid li tali patteggjament ghandu jkun permess anke fi stadji inizjali u cioe qabel il-prezentata. Madanakollu, bhalma gia intqal, il-Qorti ma ghandha tkun bl-ebda mod marbuta bit-termini tal-patteggjament stabbiliti ghax allura, jekk dana ikun il-kaz, il-Qorti qieghda tispicca tkun biss garanti ossija 'rubber stamp' ta' ftehim milhuq ad insaputa taghha, li certament ma tassikurax process trasparenti u korrett ta' gustizzja.

Ghandha wkoll tigi kontemplata sistema fejn jekk fil-kors ta' kumpilazzjoni l-imputat ikun irid jammetti l-imputazzjonijiet kif dedotti fic-citazzjoni sia l-Qorti tal-Magistrati sia l-Qorti Kriminali tkun tista' tghaddi ghas-sentenza immedjatament minghajr ma titkompla il-kumpilazzjoni. F'dawk il-kazijiet fejn il-kaz irid necessarjement jigi deciz mill-Qorti Kriminali il-kumpilazzjoni ghandha tigi sospiza ghal perjodu prestabbillit, u kull terminu iehor naxxenti mill-Ligi jigi sospiez, l-atti jintbaghatu lill-Qorti Kriminali u tinghata sentenza fuq l-ammissjoni tieghu.

- Dwar il-mizura **119** relatata mal-applikazzjoni tas-sentenza sospiza fejn jikkoncernaw reati involontarji, ma hemmx qbil da parte tal-gudiktaura peress illi l-premessa tal-Kummissjoni, ghal darba ohra, hija zbaljata. Dan qieghed jinghad ghax, a diffrenza ta' dak minnhom kkontemplat, jista jkollok kazijiet, per ezempju, ta' persuna li toqtol jew twegga lil xi hadd ghax kien qed isuq taht l-influenza ta' xorb jew drogi - f'dan il-kaz ir-reat huwa wiehed involontarju u xorta hemm bzonn tar-riforma u riabilitazzjoni mill-vizzju koncernat. Certament li jintbghat il-habs ma hijiex ser tkun ta' ghajnuna ghall-hati.

- Dwar il-mizura **120**, ghal darba ohra jidher car illi l-Kummissjoni ma hijex a korrenti ta' dak li jigri fil-kamp kriminali u il-Gudikatura ma taqbilx ma dak minnha propost. Dana huwa peress illi fis-sentenza sospiza normalment ma huwiex previst li l-hati jigi segwit; dak jigri biss f'kazijiet ta' probation; huma biss dawk il-kazijiet fejn ikun hemm xi problemi partikolari x'jigu indirizzati li mas-sentenza sospiza tinghata ukoll ordni ta' supervizjoni u huma f'dawn il-kazijiet biss lil-hati jigi segwiet u jrid joqghod ghal certu ordnijiet.

- Dwar il-mizura **121** il-gudikatura ma tistax taqbel mas-suggeriment illi titnehha l-fakolta' lill-qorti li tastjeni milli tapplika sentenza sospiza jew li testendi sentenza sospiza, peress illi jista' jkollok kazijiet fejn, skond x'jkun ir-reat il-gdid, theddida ta' sentenza ta' habs effettiv ghal dak ir-reat tkun sufficjenti anke tenut kont li l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza jista' jigi mgedded ghal erbgha snin ohra.

- Dwar il-htiega ta' dipenalizazzjoni u dikriminalizazzjoni ta' reati kif enuncjat fil-mizura **122**, hemm qbil in principju da' parte tal-Gudikatura, izda jenhtieg illi jsir ezercizzju serju u fid-dettall dwar it-tipi ta' reati li ghandhom jigi depenalizzati sabiex jigi assikurat illi kemm ic-cittadin jibqa japprezza li meta wiehed jizbalja irid ihallas ghaliha, kif ukoll il-Qrati jibqgħu jassikuraw li ssir gustizzja ma' min jizbalja u mal-vittma ta' dak l-iżball. Barra minn hekk, l-eżami ta' jekk ksur tal-liġi għandhiex tkun dipenalizzata jew le għandu jsir appena tkun qed tiġi redatta l-liġi u mhux kif qiegħed jiġri li l-ewwel jgħaddu l-liġijiet li jippenalizzaw il-vjolazzjonijiet kollha  u snin wara, meta l-eżeċizzju jkun sar ferm aktar diffiċli, jsir l-eżami li messu sar mill-bidu.

- Dwar il-htiega ta' "Sentencing Policy" kif indikat fil-mizura **123**, hemm qbil da' parte tal-gudikatura li dina tigi implimentata ghalkemm jigi rilevat illi sa issa, tali tip ta' *policies* jinhargu indirettament mill-Qrati tal-Appell fis-sentenzi taghha.

  Wiehed, madanakollu, ghandu jzomm f'mohhu li l-kritika li tant  tissemma fil-verita' tirreferi ghal ftit hafna mill-eluf ta' sentenzi li jinghataw kull sena u hija diversi drabi bazata fuq rappurtagg zbaljat fil-gazzetti.

  Ma hemmx qbil dwar il-komposizzjoni tal-Kummissjoni ghat-Thejjija ta' Sentenzing Policy kif proposta mill-Kummissjoni peress illi huwa essenzjali li gudikanti prattikanti jkunu involuti fil-*policies* li jsiru, stante illi dawna imbghad ghandhom jigu applikati minnhom u, hafna drabi, kif deher ukoll mir-rapport ta' dina l-Kummissjoni stess, il-persuni illi jaghmlu l-proposti u suggerimenti ma jkunux jafu kif attwalment jahdmu s-sistemi u x'riperkussjonijiet jista' jkun hemm, bir-risultat illi tispicca ssir aktar hsara lis-socjeta milli gid.

  Għalhekk ghandhom ikun il-gudikanti sedenti, semmai bl-assistenza tal-esperti, li minn zmien ghal zmien jistabilixxu l-parametri li ghandhom jigu applikati u mhux Kummissjoni appuntata mill-Gvern

- Hemm qbil illi jkun hemm approcc holistiku istituzzjonali fil-gustizzja kriminali, kif indikat fil-mizura **124**, izda l-gudikanti għandhom ikunu involuti direttament f'tali proceduri u ma jigux rinfaccjati b'decizjonijiet u konkluzjonjiet ġia meħuda bl-esklużjoni tal-kontribut tal-Ġudikatura.

- Dwar il-prorogi ta' atti ezekuttivi msemmija fil-mizura **125** u li tirrigwarda l-proceduri civili u mhux kriminali, hemm qbil da' parte tal-gudikatura.

- Dwar id-dewmien fil-Qorti tal-Appell, msemmija fil-mizura **126**, ghandu jigi rilevat illi bir-rizorsi limitati li bhalissa ghandha il-Qorti tal-Appell, hija difficili illi anke l-proposti maghmulha mill-Kummissjoni jigu kkonsidrati favorevolment.

  Filwaqt illi wiehed jifhem li d-dewmien huwa ta' min jevitah, wiehed ghandu jara x'qieghda iwassal ghal tali dewmien, u mhux jimponi soluzzjonijiet mingħajr ebda analiżi ta' xi jwassal, minn żmien għal żmien, għal numru ta' appelli jistennew li jiġu appuntati; bħal dewmien fil-mili ta' vakanzi fil-kompożizzjoni tal-Qorti, mard fit-tul ta' xi komponent tal-Qorti, il-*fast tracking* imposta bil-liġi fuq is-smigħ ta' ċerti appelli bi preferenza fuq appelli oħra, it-tendenza li l liġijiet jimponu l-urġenza f'kawżi li fihom ikun involut il-Gvern u elementi oħra.

  Fl-istat present tal-affarjiet, kullhadd ghandu dritt illi jappella minn decizjoni tieghu, u aktar mal-Qrati jiddeciedu kawzi fl-istadju tal-Prim Istanza, aktar ser jizdiedu l-kawzi quddiem il-Qorti tal-Appell.

  L-implimentazzjoni ta' gharbiel fejn kawza fuori termine tigi deciza fi zmien qasir hija wahda mis-soluzzjonijiet li wiehed jista jikkontempla, izda wieħed ma jridx jinsa li l-proposta għar-rigward ta' appell fuori termine timplika li l-Qorti tkun ġia *a priori* ddeċidiet li l-appell hu fuori termine waqt li dwar is-suġġeriment l-ieħor in konnessjoni ma' appelli deżerti jew ċeduti ma jidhirx li dan għandu jispetta lill-Qorti iżda *se mai* lir-Reġistratur tagħha. Ċertament jeżistu soluzzjonijiet ohra li wiehed jista jikkontempla sabiex in-numru tal-appelli jigu ridotti '*at source*' u sabiex l-appelli jigu mgharbla fid-dettall qabel ma jidhru quddiem il-Qorti tal-Appell.

  Madanakollu, dina l-materja tirrikjedi studju serju u dettaljat, li certament ma hux konsistenti mal-metodoloġija addottata mill-Kummissjoni illi qieghda tohrog b'hafna proposti u ideat fi zmien qasir hafna minghajr ma ma taghti wisq widen ghal-

suggerimenti kif ukoll mingħajr ma jingħata żmien suffiċjenti sabiex tali proposti jigu studjati bir-reqqa.

Awissu 2013

## ANNESS WIEHED

Sofia Declaration ”On judicial independence and accountability” issued by the European Network of Councils for the Judiciary (ENCJ)




European Network of Councils for the Judiciary (ENCJ)

Réseau européen des Conseils de la Justice (RECJ)

# The General Assembly of ENCJ Meeting Sofia 5th – 7th June, 2013

## SOFIA DECLARATION On judicial independence and accountability

. (i) An independent and accountable judiciary is essential for the delivery of an efficient and effective system of justice for the benefit of the citizen and is an important feature of the rule of law in democratic societies.

. (ii) The judiciary must be accountable, comply with ethical guidelines and be subject to an impartial disciplinary system.

. (iii) Reductions in government expenditure cannot be allowed to undermine judicial independence.

. (iv) Financial stability, security of tenure and administrative independence are necessary safeguards for an independent and impartial judiciary.[5]

---

[5] The Council of Europe's Recommendation CM/rec (2010) 12 of the Committee of Ministers to Member States on independence, efficiency and responsibilities of judges states that:-

- "[e]ach state should allocate adequate resources, facilities and equipment to the courts to enable them to function in accordance with the standards laid down in Article 6 of the Convention and to enable judges to work efficiently

- and "[j]udges' remuneration should be commensurate with their profession and responsibilities, and be sufficient to shield them from inducements aimed at influencing their decisions",

and "[s]pecific legal provisions should be introduced as a safeguard against a reduction in remuneration aimed specifically at judges".

. (v) The protection of judicial independence can appropriately be achieved by a properly functioning council for the judiciary or a similar independent body to consider and determine or to make recommendations to government on all matters relevant to judicial remuneration and conditions.

. (vi) It is the essential task of the ENCJ and all Councils for the Judiciary to maintain and strengthen the independence of the Judiciary, especially when it is threatened.

. (vii) The prudent convention that judges should remain silent on matters of political controversy should not apply when the integrity and independence of the judiciary is threatened. There is now a collective duty on the European judiciary to state clearly and cogently its opposition to proposals from government which tend to undermine the independence of individual judges or Councils for the Judiciary.

. (viii) In the circumstances and taking into account submissions made by members and observers to the General Assembly of the ENCJ held in Sofia on the 6th and 7th June, 2013, the ENCJ calls for an independent European rule of law mechanism, respecting the diversity of justice systems, which inter alia will assist in the protection of the independence of the judiciary and in ensuring the promotion of an effective justice system and growth for the benefit of all citizens.

Done in Sofia, 7 June 2013